



2020/2080(INI)

2.9.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward l-implimentazzjoni u l-governanza tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)
(2020/2080(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Esteban González Pons

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-PESCO tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-konverġenza tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u tirrappreżenta pass importanti lejn il-kisba tal-objettiv ta' difiża komuni tat-Trattat;
2. Jilqa' l-interess tal-Istati Membri fil-PESCO wara l-istabbiliment tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017, kif muri mill-għadd sinifikanti ta' proġetti stabbiliti s'issa mill-Kunsill fil-qafas tal-PESCO; iħeġġeġ lill-Istati Membri parteċipanti jmessu 'l quddiem din il-ħidma u jiffukaw fuq l-implimentazzjoni rapida u effettiva ta' dawn il-proġetti filwaqt li jiżguraw il-parteciċipazzjoni tal-Istati Membri kollha; ifakkar, madankollu, li l-PESCO tinvolvi wkoll 20 impenn vinkolanti li rċevew ħafna inqas attenzjoni;
3. Jilqa' l-inklużività tal-PESCO, kif riflessa fl-għadd kbir ta' Stati Membri involuti fil-proġetti tagħha; huwa tal-fehma li l-PESCO għandha tiffavorixxi kriterji ta' dħul baxxi u tkun aċċessibbli għall-Istati Membri li huma żgħar u/jew għandhom baġits tad-difiża żgħar;
4. Jenfasizza li l-ħolqien tal-PESCO fil-qafas tat-Trattat ta' Lisbona ġie kkunsidrat bħala t-twaqqif ta' grupp pijunier ta' Stati Membri li lesti jippuljaw flimkien ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom biex jiksbu objettivi komuni ambizzjużi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; iqis li jeħtieġ li l-Unjoni tiżviluppa b'mod progressiv qafas komuni taħt ir-responsabbiltà tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), li fih l-Istati Membri jwettqu r-rieżamijiet tal-politika ta' difiża nazzjonali tagħhom stess, jikkondividu r-riżultati u jippuljaw l-intelligence bħala mezz biex tiġi stabbilita l-bażi ta' difiża Ewropea ġenwina;
5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-koerenza bejn l-istrumenti u l-inizjattivi kollha fil-qafas tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) sabiex jinkiseb il-livell meħtieġ ta' effikaċja fl-iżgurar tal-awtonomija strateġika, u ta' ambizzjoni fid-definizzjoni progressiva ta' politika ta' difiża komuni tal-Unjoni f'konformità mat-TUE; iqis li l-PESCO teħtieġ proġetti ambizzjużi, f'sinerġija mar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Programmi Indikattivi Nazzjonali (NIPs) u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP), biex tindirizza t-theddid tal-lum, u jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jinżamm livell adegwat ta' finanzjament tal-Fond Ewropew għad-Difiża u l-mobilità militari fil-kuntest tan-negożjati tal-QFP; jiġbed l-attenzjoni għall-hteġa li tiġi żviluppata sistema ta' riżorsi proprji ġenwini tal-Unjoni bħala mezz li jippermetti l-allinjament tal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni fil-qasam tad-difiża, b'finanzjament għall-programmi u l-operazzjonijiet fuq il-post, b'mod partikolari l-proġetti tal-PESCO;
6. Jistieden lill-Kummissjoni telabora Ktieb Abjad tal-UE dwar id-difiża u s-sigurtà bil-ħsieb li tallinja aħjar l-objettivi speċifiċi tal-proġetti tal-PESCO ma' strateġija ta' sigurtà

u ta' difiża tal-UE li tkun aġġornata, koerenti u komprensiva; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tar-rieżami strateġiku tal-PESCO tal-2020 u bl-istess mod jappoġġa t-twaqqif ta' boxxla strateġika Ewropea biex ittejjeb il-kapaċità li jiġu kkoordinati l-inizjattivi ta' difiża tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-oġġettivi komuni tal-Unjoni b'mod aktar f'waqt u effettiv;

7. Jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-Unjoni m'għandhiex bizzżejjed kompetenza fir-rigward tal-kura tas-saħħa; jemmen li, b'mod parallel, jeħtieġ li tiġi stabbilita strateġija ta' difiża komuni tal-UE biex tirrispondi f'każ ta' attakk fuq il-fruntieri u t-territorji tal-UE, u jqis il-PESCO bħala pass pożittiv lejn dan l-oġġettiv;
8. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni dwar il-politika tad-difiża, u b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li jittieħdu passi kuraġġużi lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina, u għal approċċ integrat u komprensiv għas-sigurtà tal-UE; jittama li l-ħolqien ta' Direttorat Ġenerali ġdid tal-Kummissjoni għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju se jservi bħala katalist għal koerenza akbar, kooperazzjoni ġusta u koordinazzjoni integrata fil-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' difiża madwar l-Istati Membri, kif ukoll għat-tisħiħ tal-infrastruttura militari tal-UE u t-titjib tal-effiċjenza tal-industrija tal-UE u s-suq intern;
9. Iqis meħtieġ li tiżdied il-kontribuzzjoni reali tal-proġetti tal-PESCO għall-kisba tal-ambizzjonijiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, billi jiġi żgurat b'mod effettiv li l-Istati Membri parteċipanti jsaħħu l-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet sinifikanti u ambizzjużi, u li jkun hemm koerenza bejn l-UE u n-NATO f'termini ta' prijoritajiet, interoperabilità msaħħa u sinerġiji;
10. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-forzi armati Ewropej fl-indirizzar tal-isfidi li gābet magħha l-pandemija tal-COVID-19, kemm f'termini tal-ġestjoni tal-emerġenza tas-saħħa kif ukoll tal-appoġġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili, kif ukoll il-fatt li għandhom ukoll dimensjoni transfruntiera u funzjoni ta' solidarjetà; jenfasizza l-benefiċċji potenzjali ta' proġetti ġodda u ambizzjużi tal-PESCO għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet Ewropej komuni f'dan il-qasam, li jespandu fuq il-ħidma ta' proġetti preċedenti, b'mod partikolari l-Pakkett Militari għall-Istazzjonament ta' Kapaċitajiet ta' Għajjnuna f'Każ ta' Diżastru u l-Kmand Mediku Ewropew;
11. Jilqa' s-sinerġija bejn l-għodod tad-difiża differenti tal-UE u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza; jenfasizza li bonus speċjali għall-proġetti tal-PESCO fil-qafas tal-Fond Ewropew għad-Difiża jista' jkollu effett pożittiv peress li jinċentiva l-kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet;
12. Jistieden lill-Istati Membri parteċipanti jkomplu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-proġetti tal-PESCO, filwaqt li jiżguraw sjieda reali tal-proċessi ta' koordinazzjoni u ta' ppuljar tal-PESCO, kif ukoll impenn lejhom, speċjalment billi m'hemm fis-seħħ l-ebda mekkaniżmu effettiv ta' konformità; jissottolinja li l-PESCO għandha tipprovdi qafas biex tmur lil hinn mill-kooperazzjoni bilaterali u trawwem sforz verament Ewropew permezz tal-parteċipazzjoni sinifikanti ta' diversi Stati Membri fi proġetti komuni;
13. Jenfasizza l-importanza ta' għadd zġhir ta' proġetti strateġiċi, b'mod partikolari l-faċilitaturi strateġiċi (kmand u kontroll, trasport, intelligence); jistieden lill-Kunsill u lis-segretarjat tal-PESCO jikkunsidraw struttura ta' raggruppament għall-proġetti tal-

PESCO sabiex jiggarrantixxu l-ogħla livell ta' sinerġija fost il-proġetti differenti;

14. Jistieden lill-Kunsill jiddefinixxi kundizzjonijiet stretti għall-parteċipazzjoni ta' stati terzi fi proġetti tal-PESCO, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315; iqis li kwalunkwe parteċipazzjoni bħal din m'għandhiex tiddevja lill-PESCO mill-objettivi fundamentali tagħha bħala strument tal-PSDK tal-UE, filwaqt li tirrispetta l-obbligi skont it-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana;
15. Iwissi, madankollu, dwar ir-riskju ta' interferenza barranija fis-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, li spiss tiegħu l-forma ta' theddid ċibernetiku jew tipi oħra ta' gwerra ibrida; jissuġġerixxi li l-kumitat speċjali tal-Parlament dwar l-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, li għadu kif ġie stabbilit, għandu jikkollabora mal-Kummissjoni u mal-Kunsill fl-analiżi ta' kif il-proġetti tal-PESCO jistgħu jsaħħu r-reżiljenza tal-Unjoni kontra dawn it-tipi ta' theddid;
16. Jemmen li l-involviment tar-Renju Unit fil-proġetti tal-PESCO, fejn jiġi mistieden u fejn tiġi żgurata reċiproċità effettiva, ikun fl-interess strateġiku tal-Unjoni; jesprimi t-tama tiegħu li l-qasam tad-difiża jiġi kopert fin-negozjati bejn l-UE u r-Renju Unit dwar ir-relazzjoni futura tagħhom, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit;
17. Itenni li l-Parlament għandu jkollu rwol prominenti fl-iskrutinju u fis-superviżjoni tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-PSDK; jistenna f'dan ir-rigward li l-Parlament jiġi infurmat u kkonsultat bis-siġħ mill-VP/RGħ fil-kuntest tar-rieżami strateġiku attwali tal-ewwel fażi tal-PESCO, li tintemm fl-2020. Ifakkar li ż-żieda fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri fil-livell tal-UE għandha timxi id f'id mat-tisħiħ tas-setgħa ta' skrutinju tal-Parlament;
18. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri parteċipanti jiffukaw fuq ir-reżiljenza ċibernetika u jħejju strateġija u proċeduri kollettivi biex jirrispondu għal inċidenti ċibernetiċi permezz tal-proġetti tal-PESCO sabiex jinħoloq ambjent aktar reżiljenti fi ħdan l-Istati Membri;
19. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kif espressa fir-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020¹, jiġifieri li s-sigurtà u r-rwol tal-UE fid-dinja għandhom jiġu identifikati fost prijoritajiet ta' politika predefiniti iżda mhux eżawrjenti, u jtenni li din tkun opportunità biex iċ-ċittadini jiġu involuti fid-dibattitu dwar it-tisħiħ tal-PESCO bħala mod kif isir progress lejn politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni awtonoma għall-Unjoni tagħna.

¹ Testi adottati, P9_TA(2020)0010.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.9.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 18 - : 7 0 : 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, Charles Goerens, Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Antonio Tajani, László Trócsányi, Mihai Tudose, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gilles Boyer, Jorge Buxadé Villalba, Cristian Ghinea, Maite Pagazaurtundúa, Nikolaj Villumsen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

18	+
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Antonio Tajani, László Trócsányi, Loránt Vincze, Rainer Wieland
RENEW	Gilles Boyer, Cristian Ghinea, Charles Goerens, Maite Pagazaurtundúa
S&D	Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Mihai Tudose

7	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Jacek Saryusz Wolski
GUE/NGL	Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
ID	Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari, Antonio Maria Rinaldi

3	0
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos Corfield, Daniel Freund

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni